Lil Maurice Mifsud Bonnici, jew kif kienu jafuh ħafna, is-Sur Maurice, ilni nafu minn meta dħalt naħdem fil-Posts and Telephones, fl-1962, u ħdimt taħtu meta kien inġinier, Senior Engineer, Chief Engineer, Head of Telecommunications u Ċermen, bejn il-Posts and Telephones u t-Telemalta. Kelli kuntatti miegħu ukoll meta kien Cermen tal-Enemalta. Imma l-aktar li sirt nafu mill-qrib kien fil-Kunsill tal-GĦPTM meta dħalt ikooptjat fl-2009.

Maurice kien ilu f'dan il-Kunsill sa mill-1998 meta anki hu kien ġie kkoptjat flok membru li rriżenja u fis-sena ta' wara ġie elett fl-Assemblea Ġenerali. L-unika kariga li qatt kellu fil-Kunsill kienet ta' Assistent Segretarju, dan għax mill-ewwel kien wera x-xewqa li ma' jkollu l-ebda kariga għolja minħabba x-xogħol l-ieħor li kellu; bejn l-Għaqda tal-Malti u bejn il-kitba personali; għax Maurice kien ukoll kittieb u poeta.

Minkejja dan kollu hu dejjem sab ħin biex jagħti sehmu speċjalment fejn tidħol kitba. Fassal u ppropona emendi għall-istatut kemm il-darba, kien jikteb artikli biex jidhru fil-fulljet li kienet tippublika il-kumpannija u għall-15 l-Anniversarju tal Għaqda kiteb l-istorja tal-Għaqda sa dak iż-żmien.

Barra minnhekk dejjem kien lest jagħmel suġġerimenti u jagħti pariri utli, meqjusa u prudenti. Konna dejjem nistennew l-opinjoni tiegħu qabel nieħdu xi deċiżżjoni.

Grazzi Maurice u nwiegħduk it-talb tagħna.

Anthony Mulè Stagno
Segretarju GĦPTM